# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

### Laqgħa numru 18

**5.00p.m 22 ta' Mejju 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**
Ħadt

**Assenti**

**Ufficċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**18.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
**Xejn**

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru ħmistax (16) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel.
Il-Kunsillier Domenic Spencer irrimarka li waqt l-aħħar laqgħa kien hemm deċiżjoni li tingħalaq Triq Balbi. Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi qal li ma kienx hemm deċiżjoni, iżda il-Kunsill kien ikkonkluda li ssir laqgħa ma l-għaqdiet ikkonċernati u ttieħed deċiżjoni wara. Is-Sindku konferma li dik kienet deċiżjoni waqt laqgħa 18.

**18.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mill Viċi Sindku Josef Azzopardi, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**18.2.2** Deputat Segretarju Ezekuttiv informat li minuti ta' laqgħa urġenti numru 17 ma kienux għadhom lesti u ser jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**18.3.1 Rikjest min Heritage Malta għal sapport fuq Street Media**
Heritage Malta qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu jagħmlu promotion għal avvenimenti, workshops u inizjattivi oħrajn partikularment f' toroq prinċipali fil-Lokalita'
**Sindku informa li talab għal iktar informazzjoni mingħand Heritage Malta**

**18.3.2 Proġett Pedonali Assoċjazzjoni Kunsill Lokali**
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tinforma lill-Kunsilli dwar inizjattiva' mmirata għal dawk li nedew jew qed jaħdmu fuq proġetti pedonali jew mobilta' sostenibbli. Dawk interessati għandhom jirreġistraw sa l-aħħar ta' Mejju 2025
**Il-Kunsill qabel li tintalab iktar informazzjoni.**

**18.3.3 Taħriġ dwar Mobilta' urbana - Assoċjazzjoni Kunsill Lokali**
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed titlob lill-Kunsilli sabiex jinnominaw rappreżentant sabiex jattendi għal taħriġ dwar il-Mobilta' Urbana li ser isir nhar it-8 u 9 t'Ottubru li ser isir minn esperti barranin fil-qasam.
**Il-Kunsill qabel li għalissa mhux interessat ikun pparteċipi f'din l-inizjattiva**

**18.3.4 L-Esplora qed t'organizza programm speċjali għal anzjani**
Xjenza Anzjan huwa programm li qed joffru Esplora lil anzjani. Ser isiru ħames sezzjonijiet mingħajr ħlas bejn l-14 ta' Mejju u s-16 ta' Settembru ġewwa l-Esplora.
**Il-Kunsill qabel li issir poster sabiex tinġabar informazzjoni ta' min irrid j'attendi.**

**18.3.5 Kumitat Festi Esterni Marija Regina**

Il-Kumitat Festi Esterni Marija Regina qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fuq il-pubblikazzjoni tal-Festa. Il-prezz għal paġna sħieħa bil-kulur huwa ta' €300.
**Il-ħlas ta' riklam ġie approvat wara is-sejjaħ vot:**
**Favur: Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joe Scerri, Domenic Spencer, Anthony Meilak**
**Kontra: Kunsillier Joseph Cachia**

**18.3.6 Triq bla isem k/m Sqaq Sannat Kumitat Ismijiet tat-Toroq**
Il-Kumitat Ismijiet tat-Toroq ġie nfurmat li din it-triq hija mingħajr isem. Għalhekk qed jitolbu lill-Kunsill biex jibda l-proċess biex tkun imsemmija u jagħti l-proposta tiegħu.
Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li l-kumitat ta' ismijiet ta' toroq għadu ma rispondiex lura dwar l-ismijiet ta' toroq li kienu proposti qabel u talab sabiex l-uffiċju jagħdulu il-korrispondenza kolla.
**Madanakollu il-Kunsill propona il-triq bla isem tingħata l-isem Triq il-Faħama.**

**18.3.7 Talba għall-prezz ta' Billboard-**
Is-Sezzjoni Żgħażagħ Karmelitani qed jistaqsu l-prezz għal użu ta' Billboard fiż-żona tal-Marsa għal perjodu bejn 1 u s-26 ta' Lulju 2025.
**Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dan suġġett ma l-item 18.11**

**18.3.8 Talba għal sapport fuq inizjattiva teletlon – Malta Trust Foundation**
Is-Sindku informa li kienet waslitlu talba mingħand l-Eċċellenza President Emeritu Marie Louise Coleiro sabiex il-Kunsill jagħti l-appoġġ tiegħu fl-Inizjattiva sabiex jinxtara apparat li jkun jista jintuża min tfal li għandhom problemi fil vista, li jibgħatu mill-awtizmu u għandhom diffikultà biex jikkomunikaw.
**Il-Kunsilliera pproponew l-Sindku sabiex jiltaqa' ma l-Eċċellenza Marie Louise Coleiro sabiex jiġi spjegat iktar dwar din l-inizjattiva.**

**18.3.9 Rikjest min Malta Racing Club**
Is-Sindku nforma li Malta Racing Club qed tipproponi l-issir attività f'30 ta' Mejju 2025 -tiġrija ta' żwiemel speċifika fejn it-Trofew ikun speċifikament rappreżentazzjoni tal-Kunsill tal-Marsa .
Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta ta' kollaborazzjoni fejn il-kunsilliera u qajmu diversi punti dwar x'kien qed jintalab mil Malta Racing Club. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu ittieħed vot:
**Favur: Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina u Anthony Meilak Ġie**
**Kontra: Kunsillier Joseph Cachia**
**Astensjonijiet: Kunsillier Domenic Spencer u Joesph Scerri**
**Il-Vot favur ippermetta li jinxtraw it-trofewijiet b'stima ta' mhux aktar min 300 ewro.**

Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm il-Perit tal-BCA għamel il-preżentazzjoni tiegħu

**18.3.10 Talba għal approvazzjoni mil-BCA**
Is-Sindku informa li Kunsill kien irċieva proposta mingħand il- Perit tal- BCA Pierre Sapiano relatata mal-binja amministrattiva ta' l-istess BCA li tinstab fil-lokalita tal-Marsa. Huwa stieden



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

lil Perit sabiex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu. Il-Kunsilliera ingħataw kopji tal-pjanti fuq dak li kien qed jiġi propost filwaqt il Perit ta' spjega ta' tibdil li kien hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn xogħolijiet kienu jinkludu interventi fuq traffic island u service road.

Il-laqgħa reġgħet infetħet għal pubbliku.

**Il-Kunsill x'tar il-proposta u ikkonkluda li mhux se japprova għaliex ma ġiex ikkonsultat qabel ma saret l-applikazzjoni.**

**18.3.11 Ombusman Rapport -Kaz Nru OMB**
Ombusman ressaq ilment ta' persuna li kienet ipparkjata fuq Communal Blue Badge parking bay li kienet imwaħħla bit-tie bags mal-gate tal-Maltapost fejn it-tabella waqgħet u ġiet fuq il-karozza tagħha. Il-kumpens li qed titlob huwa ta' 696.20 ewro. L-Ombusman qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill.
**Il-Kunsill ikonkluda li huwa ma kienx responsabbli u ser jirrispondi b'ittra mill l-avkut tal-Kunsill.**

**18.3.12 Laqgħa li saret ma l-għaqdiet tal-festa Trinita Marsa**
Is-Sindku informa li laqgħa li kienet pjanata mal -għaqdiet saret. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi punti relatata ma l-organizzazzjoni tal-festa esterna fosthom *traffic management* (ħinijiet ta' għeluq ta' toroq u diversions ) u permessi ta' bars.

**Rigward *traffic management* il-Kunsill approva li jsirr l-istess bħal ma sar is-sena ta' qabel. Il-Kunsillier Domenic Spencer ippropona li il-Ħamis tal-festa Triq Balbi tingħalaq min fuq għal kullħadd. Dwar din deċiżjoni ttieħed vot;**
**Favur: Sindku Luke Farrugia, Kunsilliera Gloria Aquilina, Domenic Spencer u Anthony Meilak**
**Kontra: Kunsilliera Joesph Scerri u Joseph Cachia**

**18.3.13 Kommunikazzjoni mal-Greenpak**
Is-Sindku informa ilu numru ta' xhur jibgħat kommunikat lil Greenpak rigward il cameras u il-Bins izda mhux qed jirċevi risposta.
**Il-Kunsill qabel li għanda tintbagħtilhom ittra mill-avukat tal-Kunsill**

**18.3.11 Bankina f' Triq Simpson titħaffer mingħajr permess**
Is-Sindku informa li llum daħal rapport il-Kunsill li residenta f'Triq Simpson kienet qed tħaffer il-bankina mingħajr ma talbet permess mill-Kunsill.
**Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni fejn il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li din il-bankina kienet għolja u minħabba dan il-livel kien qed tkun diffiċli sabiex ir-residenta tagħmel użu mill garax għalhekk kien qed issir l-intervent. Madanakollu, ir-residenta kellha obbligu li ġieb permess mill Kunsill.**
**Il-Kunsill qabel li sid kienet qed tingħata l-approvazzjoni iżda hija għandi tqabad Perit sabiex il-bankina tkun skont ir-regoli maħruġa min Infrastructure Malta u CRPD. Ix-xogħol għandu jitkompla b'modd immedjat sabiex jonqos l-inkonvenjent għan-nies.**
**Il-Kunsillier Joseph Cachia astjena min din deċiżjoni.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**18.3.12 Kowtazzjoni ta' laptops**
Is-Sindku informa li nħass il-bżonn li jinxtara laptop għal Kunsill.
**Il-Kunsill qabel**

**18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**18.4.1** Il-Kunsillier Joesph Scerri staqsa x'qed issir dwar id-drenaġġ f'telgħa tal-Ġiżwiti, jekk kienx sar kuntatt mal-kuntrattur. Is-Sindku konferma li tkellem ma l-Waterservices u ma l-kuntrattur sabiex issir xogħol meħtieġ.

**18.4.2** Viċi Sindku Josef Azzopardi għamel intervent għaliex kien qed jingħota li żdiedu tallaba u l-itlajjar fit-toroq tal-Marsa.
Sindku qal li kien qed jitlob l-assistenza tal-pulizija dwar din il-materja.

**18.4.3** Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li kien hemm bzonn ta' refreshing ta' disabled parking Qormi Rd.

**18.4.4** Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li peress li kien jidher li suġġett **Approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għal fondi min skemi diversi** li kien imnizzel fl-Agenda ma kienx ser jilħaq jiġi diskuss minħabba li kien qed issir il-ħin, huwa kien qed jitlob sabiex jiprezenta il-badgit ta' zewġ skemi li l-Kunsill kien qabel fl-laqgħa preċedenti li japplika għalihom.
**18.4.4.1 Skema SPI/SCI/03/2025- Finanzjament- Lokalitajiet aktar nodfa -li ser issir fl-20 ta' Settembru 2025. Il-badgit wara ġbir ta' kwotazzjonijiet huwa ta' 1,612 ewro (excl VAT).**
**Il-Kunsill qabel mal-baġit kif propost.**
**18.4.4.2 Skema SPI/SCI/05/2025 -Finanzjament Karnival 2026 b' Titolu Karnival fil-Marsa li ser issir f' 12 ta' Frar 2026. Il-baġit wara ġbir ta' kwotazzjonijiet huwa ta' 19, 700 ewro (excl VAT).**
**Il-Kunsill qabel mal-baġit kif propost**.

**18.4.5** Il-Kunsillier Gloria Aquilina staqsiet lis-Sindku rigward punt li ġie mressaq fil-Laqgħa tal-Kunsill numru 13, taħt item 13.9 – Enemed – Żona Spencer. Is-Sindku kien bagħat email sabiex issir laqgħa urġenti, iżda d-data proposta kienet festa pubblika u l-laqgħa ma saritx. Għalhekk nixtieq infittex tagħrif dwar x'sar s'issa f'dan ir-rigward.
Is-Sindku wieġeb li ser issir laqgħa ma l-entita konċernata

**18.5 Rapporti**

**18.5.1 Rapport ta' Finanzjarju Annwali 2024 (awditjat)**
Is-Sindku stieden lil accountant tal-Kunsill Sur Laurence Manicaro sabiex jippreżenta l-rapport ta' audited accounts 2024
L-accountant ta' spjega tiegħu u x'tibdil sar min l-accounts li kienu unaudit. Hu ħa nota ta' rakommandazzjonijiet li kienu innotaw l-awdituri u ser japplikom. Il-Kunsill irringrazzja lil accountant ta' xogħol tiegħu.
Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata Kunsillier Gloria Aquilina il-Membri kollha preżenti approvaw l-Audited Financial Statements tal-2024 b'mod unanimu.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**18.5.2 Rapport Finanzjarju Q1 2025**
Dan ir-rapport ser jiġi preżentat waqt il-laqgħa numru 19 għaliex ma kienx għadu konkluż

**18.5.3 Rapport tal-Bord tal-Intervisti Segretarju Eżekuttiv**
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport ta' l-intervisti li saru nhar 20 ta' Mejju. Hija qalet żewġ kandidati attendew għal intervista sabiex jimtela il-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Bord sab li żewġ kandidati kienu eliġibbli għalhekk ġabu punti biżżejjed biex jiġu konfermati .
Il-Kunsilliera Gloria Aquilina (Minority Leader) indirizzat lil Kunsill u qalet li hija kienet dizappunata dwar kif mar l-andament tal-proċess ta' waqt il-laqgħa tal-intervisti. Hija tenniet li ftit qabel ma iltaqa' bord ta' l-intervisti hija ġiet nfurmata mis-Sindku li ma kienetx ser tkun parti mill-bord, dan kontra kif kien deċiż waqt il-laqgħa tal-Kunsill nhar il-15 ta' April 2025 fejn il-Kunsill kollu kien qabel li Bord ta' l-intervisti ser ikun kompost min Kunsilliera kollha.

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina kompliet tgħid li din ma kienetx l-ewwel darba li deċiżjonijiet jittieħdu bl-għaġla. Sa issa hija dejjem kienet kordjali u komplit ma dak li ġie deċiż dan għamlitu f'sfond li hija trid il-ġid għal lokalita, biss tħoss li nuqqas ta' direzzjoni fuq il il-materja tal-kompożizzjoni tal-Bord qabżet kull limitu. Viċi Sindku Josef Azzopardi qal li huwa qabel ma dak il kienet qed tgħid il-Kunsilliera Aquilina u għandu jkun hemm iktar preparazzjoni għal laqgħa tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li ġa l-darba kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill din kellha tinżamm u din deċiżjoni kienet it-ttieħdet qabel ma ntbagħtu linji gwida mid-Dipartiment. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet ġa ladarba il-bord kien ser ikun magħmul min membri li huma Kunsilliera u kompożizzjoni kienet bil-fart xorta huwa skont il-liġi, flaħħar mill l-aħħar xorta l-istess Kunsilliera kienu se japprovaw ir-riżultat tal-bord.

Wara din diskussjoni il-Kunsill ikonkuda li proċess ta' l-intervisti kien validu u regolari għalhekk għada għal deċizjoni fuq ir-rekommandazzjoni tal-bord. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu ġie msejjaħ vot.

Favur: Sindku, Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Anthony Meilak, Joseph Scerri u Joseph Cachia
Kontra: Ħadt
Astensjonijiet: Kunsillier Gloria Aquilina u Kunsillier Domenic Spencer

Il-rekommandazzjoni tal-Bord ta' intervisiti ġiet konfermata għalhekk il-Deputat Segretarju Ezekuttiv ser tibgħat tinforma lil kandidat li ġab l-iktar punti u jekk il-kandidat ma jaċċettax għandu jiġi kuntatjat it-tieni kandidat.

**18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04 (B)/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Kunsillier Domenic Spencer staqsa dwar 70 ewro xiri ta' garbage bags, DES spjegat li dawn jinxtraw fl-lot darba f'sena. Huwa tenna li sakemm ma jkunx hemm raġuni valida kien ser j'astjeni min dan il-pagament. Kunsilliera Gloria Aquilina asstjeniet ukoll.
Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li huwa kien kontra li jitħallas il-pagament tal-Bulky Refuse Premier Ltd għaliex dan qabad u ma kompliex bil-kuntratt li kellu. Il-Kunsill qabel li ma jitħallasx.

**18.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Anthony Meilak u sekondat Viċi Sindku Josef Azzopardi il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti għajr zewg pagamenti imsemmija.

**18.7 Item: Ħarga Għawdex**
Is-Sindku propona li ssir ħarġa f'Għawdex għal residenti. Din ħarġa tkun fuq zewġ ġranet Tnejn 7 u 14 ta Lulju. Il-prezz huwa ta' 15 ewro għat-tfal u 20 ewro għal adulti. Dan il-prezz jinkludi transport, żjarat f'postijiet diversi u ikla.
**Il-Kunsill qabel mal-proposta**

**18.8 Item: Servizz transport għal student li jattendu skola sajf 2025**
**Dan suġġett se jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li kien sar il-ħin**

**18.9 Item: MOU AWAS**
**Dan suġġett se jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li kien sar il-ħin**

**18.10 Item: Approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għal fondi min skemi diversi**
**Dan suġġett se jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li kien sar il-ħin**

**18.11 Item: Ememda fil-byelaw ta' riklamar fil-lokalita**
**Dan suġġett se jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li kien sar il-ħin**

**18.12 Item: Byelaw ġdida għal ħlas ta uzu ta' spazjju (heavy Industrial waste) meta jintuza min entitajiet kummerċjali.**
**Dan suġġett se jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li kien sar il-ħin**

**18.13 Mozzjonijiet**
Ma kienx hemm

**18.14 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-9.00pm u ġiet aġġornata għal 19 ta'Ġunju 2025 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat |

**18.15 Item:**
Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*